MFSA MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

**Stqarrija**

4 ta' Diċembru 2019

# L-MFSA tippubblika l-Prijoritajiet Superviżorji għall-2020 u tindika l-oqsma ewlenin ta' ħidma għas-sena li ġejja

- Id-dokument jiffoka fuq sitt pilastri tal-attività għas-sena 2020
- Il-prijoritajiet jikkunsidraw żviluppi regolatorji, l-aspettattivi superviżorji tal-UE u l-esperjenza tal-MFSA f'attività superviżjorja mwettqa fil-passat
- Il-pubblikazzjoni tenfasizza l-isforz tal-MFSA li żżomm kuntatt kontinwu mal-industrija u l-pubbliku

L-MFSA llum ippubblikat il-Prijoritajiet Superviżorji għall-2020 li fihom indikat l-oqsma ewlenin li fihom se tkun qed tiffoka l-isforzi superviżorji għas-sena li ġejja. Dawn huma bbażati fuq l-oġġettivi li l-Awtorità poġġiet quddiemha fil-Pjan Strateġiku 2019-2021. L-oqsma ewlenin se jinkludu l-governanza u l-kultura tal-kumpaniji, il-kriminalità finanzjarja, il-ħarsien tal-investituri, operazzjonijiet finanzjarji bejn pajjiżi differenti, is-sigurtà elettronika u l-istabbiltà finanzjarja. Dawn l-attivitajiet se jkunu qed jissupplimentaw il-prijoritajiet dedikati li l-MFSA għandha għall-oqsma differenti tas-servizzi finanzjarji.

Dawn il-prijoritajiet ġew identifikati b'konsiderazzjoni tal-ambjent tas-suq, żviluppi leġislattivi u regolatorji, il-programmi superviżorji tal-awtoritajiet superviżorji Ewropej, rakkomandazzjonijiet ta' *standard-setters* internazzjonali, kif ukoll l-esperjenza tal- MFSA f'attività superviżorja mwettqa fil-passat, kif indikata riċentement fil-pubblikazzjoni tal-aspettattivi superviżorji x-xahar li għadda.

F'dan id-dokument dwar il-Prijoritajiet Superviżorji, l-MFSA qed tindika wkoll l-għodda regolatorji u superviżorji użati fit-twettiq tal-ħidma tagħha, inkluż żjarat diretti għand l-entitajiet liċenzjati (onsite visits), reviews tematiċi u *deep-dives* li jindirizzaw oqsma speċifiċi tar-riskju.

Il-Kap Eżekettiv tal-MFSA, Joseph Cuschieri qal li l-"ir-ristrutturar organizzazzjonali tal-MFSA riċenti ġabar it-tliet pilastri tal-istrateġija superviżorja – dawk prudenzjali, ta' kondotta u tal-konformità mal-kriminalità finanzjarja – taħt l-istess qafas. Qed ninvestu wkoll f'għarfien aktar b'saħħtu fil-qasam tal-kriminalità u sigurtà elettronika bħala r-raba' pilastru tal-istrateġija superviżorja. Dan hu importanti fid-dawl ta' strateġija aktar olistika ta' superviżjoni matul il-perjodu tal-operat ta' kull entità liċenzjata mill-MFSA."

Joseph Cuschieri żied jgħid li "l-impenn ewlieni tagħna fil-kuntest tas-superviżjoni hu li nsaħħu l-kuntatt mal-industrija u l-pubbliku. B'din il-pubblikazzjoni qed inżidu l-kontabilità u t-trasparenza, biex b'hekk nippermettu lill-industrija u l-konsumaturi jifhmu aktar il-ħidma u l-prijoritajiet tagħna."

Il-Prijoritajiet Superviżorji tal-MFSA għall-2020 huma disponibbli fuq is-sit tal-MFSA.

Triq l-Imdina, Zone 1 Central Business District, Birkirkara CBD 1010
+356 2144 1155
communications@mfsa.mt
www.mfsa.mt

## DWAR L-MFSA

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) hija r-regolatur uniku tas-servizzi finanzjarji f'Malta, li tkopri banek, kumpaniji ta' assigurazzjoni, servizzi ta' investiment, trusts u pensjoniiet. Mis-sena li għaddiet, l-MFSA saret l-ewwel regolatur Ewropew li żviluppa qafas li jirregola l-assi finanzjarji virtwali. Il-missjoni tal-MFSA, kif definita fil-Viżjoni tagħha għall-2021, hi li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala awtorità superviżorja indipendenti, proattiva u afidabbli bl-għan ewlieni li tissalvagwardja l-integrità tas-swieq, u tħares l-istabilità tas-settur finazjarju għall-benefiċċju u l-protezzjoni tal-konsumatur. L-MFSA tilliċenzja aktar minn 2,300 fis-settur tas-servizzi finanzjarji, li jifforma 11% tal-Prodott Domestiku Gross ta' Malta.

Triq l-Imdina, Zone 1 Central Business District, Birkirkara CBD 1010
+356 2144 1155

communications@mfsa.mt
www.mfsa.mt